# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

4 ta' Settembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Transport bit-triq — Ammont tal-ispejjeż minimi tal-operat iddeterminat minn organu li jirrappreżenta l-operaturi kkonċernati — Assoċjazzjoni ta' impriżi — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni — Għan ta' interess ġenerali — Sigurtà fit-toroq — Proporzjonalità"

Fil-Kawżi magħquda C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13,

li għandha bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tas-17 ta' Jannar 2013, li wasslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 u fil-15 ta' April 2013, fil-proċeduri

**API – Anonima Petroli Italiana SpA**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**FEDIT – Federazione Italiana Trasportatori,**

**Bertani Remo di Silvio Bertani e C. Srl,**

**Transfrigoroute Italia Assotir,**

**Confartigianato Trasporti** (C-184/13),

**ANCC-Coop – Associazione Nazionale Cooperative di Consumatori,**

**ANCD – Associazione Nazionale Cooperative Dettaglianti,**

**Sviluppo Discount SpA,**

**Centrale Adriatica Soc. coop.,**

**Coop Consorzio Nord Ovest Soc. cons. arl,**

**Coop Italia Consorzio Nazionale non Alimentari Soc. coop.,**

**Coop Centro Italia Soc. coop.,**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Tirreno Logistica Srl,**

**Unicoop Firenze Soc. coop.,**

**Conad – Consorzio Nazionale Dettaglianti Soc. coop.,**

**Conad Centro Nord Soc. coop.,**

**Commercianti Indipendenti Associati Soc. coop.,**

**Conad del Tirreno Soc. coop.,**

**Pac2000A Soc. coop.,**

**Conad Adriatico Soc. coop.,**

**Conad Sicilia Soc. coop.,**

**Sicilconad Mercurio Soc. coop.**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

**Consulta generale per l'autotrasporto e la logistica,**

**Osservatorio sulle attività di autotrasporto,**

**Autorità garante della concorrenza e del mercato,**

fil-preżenza ta':

**Unatras – Unjonie Nazionale Associazioni Autostrasporto Merci,**

**Brt SpA,**

**Coordinamento Interprovinciale FAI,**

**FIAP – Federazione Italiana Autotrasporti Professionali** (C-185/13),

**Air Liquide Italia SpA** ***et,***

**Omniatransit Srl,**

**Rivoira SpA,**

**SIAD – Società Italiana Acetilene e Derivati SpA**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**TSE Group Srl** (C-186/13),

**Confetra – Confederazione Generale Italiana dei Trasporti e della Logistica,**

**Fedespedi – Federazione Nazionale delle Imprese di Spedizioni Internazionali,**

**Assologistica – Associazione Italiana Imprese di Logistica Magazzini Generali Frigoriferi Terminal Operators Portuali,**

**FISI – Federazione Italiana Spedizionieri Industriali,**

**Federagenti – Federazione Nazionale Agenti Raccomandatari Marittimi e Mediatori Marittimi,**

**Assofer – Associazione Operatori Ferroviari e Intermodali,**

**Anama – Associazione Nazionale Agenti Merci Aeree,**

**ACA Trasporti Srl,**

**Automerci Srl,**

**Eurospedi Srl,**

**Safe Watcher Srl,**

**Sogemar SpA,**

**Number 1 Logistic Group SpA**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti – Osservatorio sulle Attività di Trasporto,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**Legacoop Servizi,**

**Mancinelli Due Srl,**

**Intertrasporti Srl,**

**Confartigianato Trasporti** (C-187/13),

**Esso Italiana Srl**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**Autosped G SpA,**

**Transfrigoroute Italia Assotir,**

**Confartigianato Trasporti** (C-194/13),

**Confindustria – Confederazione generale dell'industria italiana,**

**Unjonie Petrolifera,**

**AITEC – Associazione Italiana Tecnico Economica del Cemento,**

**ANCE – Associazione Nazionale Costruttori Edili,**

**ANFIA – Associazione Nazionale Filiera Industria Automobilistica,**

**Assocarta – Associazione Italiana Fra Industriali della Carta Cartoni e Paste per Carta,**

**Assografici – Associazione Nazionale Italiana Industrie Grafiche Cartotecniche e Trasformatrici,**

**Assovetro – Associazione Nazionale degli Industriali del Vetro,**

**Confederazione Italiana Armatori,**

**Confindustria Ceramica,**

**Federacciai – Federazione imprese siderurgiche italiane,**

**Federalimentare – Federazione Italiana Industria Alimentare,**

**Federchimica – Federazione Nazionale Industria Chimica,**

**Italmopa – Associazione Industriale Mugnai d'Italia,**

**Burgo Group SpA,**

**Cartesar SpA,**

**Cartiera Lucchese SpA,**

**Cartiera del Garda SpA,**

**Cartiera Modesto Cardella SpA,**

**Eni SpA,**

**Polimeri Europa SpA,**

**Reno De Medici SpA,**

**Sca Packaging Italia SpA,**

**Shell Italia SpA,**

**Sicem Saga SpA,**

**Tamoil Italia SpA,**

**Totalerg SpA**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**FEDIT – Federazione Italiana Trasporti,**

**Autosped G SpA,**

**Consorzio Trasporti Europei Genova,**

**Transfrigoroute Italia Assotir,**

**Coordinamento Interprovinciale FAI,**

**FIAP – Federazione Italiana Autotrasporti Professionali,**

**Semenzin Fabio Autotrasporti**

**Conftrasporto,**

**Confederazione generale italiana dell'artigianato** (C-195/13),

u

**Autorità garante della concorrenza e del mercato**

vs

**Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,**

**Ministero dello Sviluppo economico,**

fil-preżenza ta':

**Legacoop Servizi,**

**Mancinelli Due Srl,**

**Intertrasporti Srl,**

**Roquette Italia SpA,**

**Coordinamento Interprovinciale FAI,**

**Conftrasporto,**

**Confartigianato Trasporti,**

**Transfrigoroute Italia Assotir,**

**FIAP – Federazione Italiana Autotrasporti Professionali,**

**Ferrallele SpA**, (C-208/13),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, A. Rosas, D. Šváby (Relatur) u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' April 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal API – Anonima Petroli Italiana SpA, minn F. Di Gianni u G. Coppo, avukati,

— għal ANCC-Coop – Associazione Nazionale Cooperative di Consumatori *et*, minn G. Roderi u A. Turi, avukati,

— għal Confetra – Confederazione Generale Italiana dei Trasporti e della Logistica *et*, minn C. Scoca, F. Scoca u F. Vetrò, avukati,

— għal Esso Italiana Srl kif ukoll għal Confindustria – Confederazione generale dell'industria italiana *et*, minn F. Di Gianni u G. Coppo, avukati,

— għall-Autorità garante della concorrenza e del mercato, minn B. Caravita di Toritto, avukat,

— għal Consorzio Trasporti Europei Genova, minn G. Motta, avukat,

— għal Semenzin Fabio Autotrasporti kif ukoll pour Conftrasporto, minn I. Di Costa u M. Maresca, avukati,

— għal Roquette Italia SpA, minn G. Giacomini, R. Damonte u G. Demartini, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L Malferrari, T. Vecchi, I. V. Rogalski u J. Hottiaux, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE, 96 TFUE u 101 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 4(3) TUE.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn, fil-Kawża C-184/13, API – Anonima Petroli Italiana SpA *et* u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti (Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport) u l-Ministero dello Sviluppo economico (Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku), fil-Kawża C-185/13, ANCC-Coop – Associazione Nazionale Cooperative di Consumatori *et* u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti, il-Ministero dello Sviluppo economico, il-Consulta generale per l'autotrasporto e la logistica (Kunsill Ġenerali għat-trasport bit-triq u l-loġistika, iktar 'il quddiem il-"Consulta"), l-Osservatorio sulle attività di autotrasporto (iktar 'il quddiem l-"Osservatorio") u l-Autorità garante della concorrenza e del mercato, fil-Kawża C-186/13, Air Liquide Italia SpA *et* u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti u l-Ministero dello Sviluppo economico, fil-Kawża C-187/13, Confetra – Confederazione Generale Italiana dei Trasporti e della Logistica *et* u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti – Osservatorio sulle Attività di Trasporto u l-Ministero dello Sviluppo economico, fil-Kawżi C-194/13, C-195/13 u C-208/13, rispettivamemt, Esso Italiana Srl, Confindustria – Confederazione generale dell'industria italiana *et* u l-Autorità garante della concorrenza e del mercato u l-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti kif ukoll il-Ministero dello Sviluppo economico, dwar miżuri li jiffissaw l-ispejjeż minimi tal-operat fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Skont l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l-iffissar ta' rati għat-trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 286), ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi bejn l-Istati Membri għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim ħieles. Skont it-tielet premessa ta' dan ir-regolament, "l-iffissar ħieles ta' rati għat-trasport ta' merkanzija bit-triq hija s-sistema ta' tariffi l-aktar addattati għall-ħolqien ta' suq tat-trasport ħieles kif iddeċieda l-Kunsill, għall-għanijiet tas-suq intern u għall-ħtieġa ta' sistema ta' tariffi applikata uniformament fil-Komunità kollha".

4 Fil-premessa 4 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, p. 72), hemm provdut li "[l-]istabbiliment ta' politika tat-trasport komuni timplika t-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha kontra l-persuna li tipprovdi s-servizzi ta' trasport fuq bażi taċ-ċittadinanza jew il-fatt li hija stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun ser jiġi provdut is-servizz". Il-premessa 6 tal-imsemmi regolament tipprovdi li "[it-]twettiq gradwali ta' suq Ewropew wieħed għandha twassal għall-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq domestiċi tal-Istati Membri. Minkejja dan, dan it-twettiq għandu jieħu kont tal-effettività tal-kontrolli u l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet tal-impjieg fil-professjoni, l-armonizzazzjoni ta' regoli fl-oqsma, *inter alia*, tal-infuzar u l-ħlasijiet tal-utenti tat-triq, u l-leġiżlazzjoni soċjali u dwar is-sikurezza".

5 L-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 1072/2009 jipprovdi li "[k]ull trasportatur b'kiri jew qligħ [f'isem terzi], li huwa detentur ta' liċenza Komunitarja u li x-xufier tiegħu, jekk ikun ċittadin ta' pajjiż terz, ikollu l-attestazzjoni tax-xufier, ikun intitolat, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, iwettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ".

6 L-Artikolu 9(1) tal-istess regolament jipprovdi li

"It-twettiq tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandu jkun soġġett, sakemm mhux previst mod ieħor fil-leġislazzjoni Komunitarja, għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti fir-rigward ta' dawn li ġejjin:a)

il- kondizzjonijiet li jiggwidaw il-kuntratt tat-trasport;

[...]".

7 Id-dritt tal-Unjoni jinkludi diversi atti relatati mas-sigurtà fit-toroq. Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 319) jistabbilixxi, fl-Artikoli 6 u 7 tiegħu, ir-regoli komuni dwar il-perijodi ta' sewqan u ta' mistrieħ tas-sewwieqa. Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224) tistabbilixxi, fl-Artikoli 4 sa 7, rekwiżiti minimi dwar il-ħin massimu ta' xogħol matul il-ġimgħa, il-perijodu ta' waqfien, il-perijodu ta' mistrieħ u x-xogħol ta' bil-lejl. L-Artikoli 13 sa 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227), kif emendat bir-Regolament Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006 (ĠU L 102, p. 1), jistabbilixxu l-obbligi tal-persuna li timpjega u tas-sewwieqa dwar l-użu tal-apparat ta' reġistrazzjoni u tal-formoli ta' reġistrazzjoni. Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, p. 18), kif ukoll id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, p. 1) jistabbilixxu wkoll regoli komuni importanti dwar il-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq.

*Id-dritt Taljan*

8 Minbarra d-diversi regolamenti dwar it-traffiku, b'mod partikolari, dawk relatati mal-kodiċi tat-triq, il-Liġi Nru 32, tal-1 ta' Marzu 2005, li tiddelega lill-Gvern ir-riforma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq tal-persuni u tal-merkanzija (GURI Nru 57, tal-10 ta' Marzu 2005, p. 5), stabbilixxiet il-prinċipji u l-kriterji li jirregolaw l-organizzazzjoni mill-ġdid tat-trasport bit-triq. L-għan ta' din il-liġi kien, b'mod partikolari, li tintroduċi liberalizzazzjoni rregolata u li tissostitwixxi s-sistema preċedenti ta' tariffi obbligatorji skont il-kategoriji, stabbilita bil-Liġi Nru 298, tas-6 ta' Ġunju 1974, b'sistema bbażata fuq negozjati ħielsa tal-prezzijiet għas-servizzi ta' trasport bit-triq. Fost il-prinċipji u l-kriterji li jirregolaw din id-delega kien hemm ukoll l-adattament tar-regoli għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bl-għan ta' suq miftuħ u kompetittiv, tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi kif ukoll tal-ħarsien tas-sigurtà tat-traffiku u tas-sigurtà soċjali.

9 B'applikazzjoni tad-delega msemmija iktar 'il fuq, il-Gvern Taljan adotta diversi digrieti leġiżlattivi bl-għan li jimplementaw l-imsemmija riforma.

10 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 284, tal-21 ta' Novembru 2005, inkariga lill-Consulta sabiex teżerċita attivitajiet proattivi, ta' studju, ta' sorveljanza u ta' konsultazzjoni lill-awtoritajiet politiċi sabiex jiġu mfassla politiki ta' intervent u strateġiji tal-Gvern fis-settur tat-trasport bit-triq. Il-Consulta hija kkostitwita minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istat, tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija

tat-trasportaturi bit-triq, tal-assoċjazzjonijiet tal-mandanti u tal-impriżi u/jew ta' organi li fihom l-Istat għandhu l-maġġoranza tal-ishma. Fid-data tal-fatti tal-kawżi prinċipali, hija kienet tinkludi 102 membri, permanenti u supplenti, imqassma kif ġej:

— 60 membru li jirrappreżentaw l-assoċjazzjonijiet tal-industrija tat-trasportaturi bit-triq u tal-mandanti;

— 36 membru li jirrappreżentaw l-awtoritajiet tal-Istat, u

— 6 membri li jirrappreżentaw l-impriżi u/jew organi li fihom l-Istat għandu l-maġġoranza tal-ishma.

11 Barra minn hekk, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 284, tal-21 ta' Novembru 2005 stabbilixxa, bħala korp tal-Consulta, l-Osservatorio li jeżerċita, fost oħrajn, kompiti ta' sorveljanza li jikkonċernaw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tat-traffiku u ta' sigurtà soċjali u jaġġorna l-prattiki u l-użanzi applikabbli għall-kuntratti ta' trasport tal-merkanzija bit-triq konklużi oralment. Skont l-Artikolu 6(1)(g) ta' dan id-digriet, l-Osservatorio huwa kompost minn għaxar membri magħżula mill-President tal-Consulta fost il-membri tagħha li għandhom kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-istatistika u tal-ekonomija. Fid-data li fiha l-kawżi prinċipali ġew mibdija, l-Osservatorio kellu għaxar membri, li tmienja minnhom kienu jirrappreżentaw l-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi bit-triq u tal-mandanti u t-tnejn l-oħra kienu jirrappreżentaw l-awtoritajiet tal-Istat.

12 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, li jimplementa l-liberalizzazzjoni rregolata jipprovdi, fl-Artikolu 4(1) tiegħu, li r-remunerazzjonijiet għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq huma ddeterminati permezz ta' negozjati ħielsa bejn il-partijiet tal-kuntratt ta' trasport u, barra minn hekk jiżgura, fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq billi jipprovdi li "l-klawżoli tal-kuntratti ta' trasport li jinkludu modalitajiet u kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tas-servizzi li jmorru kontra r-regoli dwar is-sigurtà fit-toroq" huma invalidi. Għal dak li jikkonċerna l-kuntratti konklużi oralment, li jistgħu jkunu iktar ta' ħsara għas-sitwazzjoni tal-kontraenti li huwa f'pożizzjoni dgħajfa, l-imsemmi digriet leġiżlattiv immodera l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali billi pprovda l-applikazzjoni tal-prattiki u tal-użanzi tas-settur, li huma ddeterminati mill-Osservatorio.

13 L-Artikolu 83a tad-Digriet Liġi Nru 112, tal-25 ta' Ġunju 2008, naqqas il-portata tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi introdotta mid-Digriet-Liġi Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, billi pprovda, għal dak li jikkonċerna l-kuntratti konklużi oralment, li r-remunerazzjoni dovuta mill-mandant ma tistax tkun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat li l-iffissar tagħhom intalbet li ssir mill-Osservatorio.

14 Dawn l-ispejjeż minimi jinkludu:

— l-ispiża medja tal-karburant għal kull kilometru, għad-diversi tipi ta' vetturi, iffissata għal kull xahar, u

— il-parti, espressa f'perċentwali tal-ispejjeż tal-operat tal-impriżi tat-trasport bit-triq għal terzi rrappreżentata mill-ispejjeż tal-karburant, iffissata kull sitt xhur.

15 Ir-regoli inklużi fl-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112, tal-25 ta' Ġunju 2008, ġew suġġetti għal emendi sinjifikattivi li eliminaw id-distinzjoni bejn il-kuntratti bil-miktub u l-kuntratti orali, filwaqt li awtorizzaw lill-Osservatorio sabiex jaġixxi wkoll dwar l-iffissar tat-tariffi tal-kuntratti bil-miktub u invokaw għal dan il-għan il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-osservanza tar-regoli ta' sigurtà.

16 L-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112, tal-25 ta' Ġunju 2008, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem l-"Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat"), intitolat "Ħarsien tas-sigurtà fit-toroq u tal-funzjonament regolari tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi", jipprovdi:

"1. L-Osservatorio msemmi fl-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, għandu jiddetermina kull xahar, fuq il-bażi ta' sondaġġ xieraq u fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula kull xahar mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku fuq il-prezz medju tad-diżil, l-ispiża medja tal-karburant għal kull kilometru, skont id-diversi tipi ta' vetturi u l-impatt rispettiv.

2. Skont it-tipi ta' vetturi, l-Osservatorio għandu jiddetermina, fil-ħmistax-il jum ta' Ġunju u ta' Diċembru, il-parti, espressa f'perċentwali, tal-ispejjeż tal-operat tal-impriża tat-trasport bit-triq f'isem terzi rrappreżentata mill-ispejjeż tal-karburant.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 sa 11 ta' dan l-artikolu għandhom l-għan li jirregolaw il-mekkaniżmi ta' adattament tar-remunerazzjonijiet dovuti mill-mandant għall-ispejjeż tal-karburant sostnuti mit-trasportatur u huma suġġetti għal verifika, skont l-impatt tagħhom fuq is-suq, wara perijodu ta' sena mid-data tad-dħul tagħhom fis-seħħ.

4. Sabiex jiġi ggarantit il-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq u l-funzjonament regolari tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi, fil-kuntratt tat-trasport, konkluż bil-miktub, fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, l-ammont li għandu jitħallas lit-trasportatur għandu jippermetti li għall-inqas jiġu koperti l-ispejjeż minimi tal-operat li jiggarantixxu, fi kwalunkwe każ, l-osservanza tal-parametri ta' sigurtà previsti mil-liġi. Dawn l-ispejjeż minimi huma ddeterminati fil-kuntest tal-ftehimiet volontarji tas-settur, konklużi bejn l-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi rrappreżentati fil-Consulta, imsemmija fil-paragrafu 16, u l-assoċjazzjonijiet tal-mandanti. Dawn il-ftehimiet jistgħu wkoll jipprevedu kuntratti tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' perijodi jew ta' kwantitajiet iggarantiti, li permezz tagħhom huwa possibbli li ssir deroga mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preżenti, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7(3) u 7a tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005 u mid-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-azzjoni diretta.

4a. Jekk il-ftehimiet volontarji previsti fil-paragrafu 4 ma jiġux konklużi fid-disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni preżenti, l-Osservatorio msemmi fl-Artikolu 6(1)(g) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 284, tal-21 ta' Novembru 2005, għandu jiddetermina l-ispejjeż minimi, skont kif hemm previst fil-paragrafu 4. Wara li jiskadi l-ewwel perijodu, jekk f'terminu ta' 30 jum addizzjonali, l-Osservatorio ma jkunx ipproċeda sabiex jadotta kalkoli tal-prezzijiet minimi, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 6 u 7 għandhom japplikaw ukoll għall-kuntratti ta' trasport konklużi bil-miktub, għas-sempliċi finijiet tal-iffissar tar-remunerazzjoni.

4b. Jekk il-fattura ssemmi remunerazzjoni inqas minn dak li huwa previst fil-paragrafu 4 jew fil-paragrafu 4a, l-azzjoni tat-trasportatur fil-konfront tal-mandant għall-ħlas tad-differenza hija preskritta f'terminu ta' sena, mid-data tal-jum li fih ikun twettaq is-servizz ta' trasport, sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju bbażat fuq ftehimiet volontarji tas-settur konklużi skont il-paragrafu 4.

4c. B'deroga għal dak li huwa previst fil-paragrafi 4 u 4a, l-ammont tar-remunerazzjoni li għandu jitħallas lit-trasportatur għas-servizzi ta' trasport imwettqa skont kuntratt konkluż bil-miktub, fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286 tal-21 ta' Novembru 2005, jista' jiġi nnegozjat b'mod awtonomu mill-partijiet, meta s-servizzi msemmija iktar 'il fuq jitwettqu fil-limitu ta' 100 kilometru kull jum, sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju bbażat fuq ftehimiet volontarji tas-settur fis-sens tal-paragrafu 4.

4d. Fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, it-trasportatur huwa obbligat jipprovdi lill-mandant ċertifikat maħruġ mill-organi ta' protezzjoni soċjali, bid-data ta' mhux iktar minn tliet xhur qabel, li tindika li l-impriża hija fl-ordni fir-rigward ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali u tal-assigurazzjoni.

5. Jekk il-kuntratt ikun jirrigwarda servizzi ta' trasport li għandu jsir fuq perijodu ta' iktar minn 30 jum, il-parti tar-remunerazzjoni li tikkorrispondi għall-ispiża tal-karburant sostnuta mit-trasportatur għall-eżekuzzjoni tas-servizzi kuntrattwali, kif indikata fil-kuntratt jew fuq il-fatturi maħruġa b'riferiment għas-servizzi mwettqa mit-trasportatur matul l-ewwel xahar tal-validità tal-imsemmi kuntratt, hija adattata fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet li jkunu seħħew fil-prezz tad-diżil iddeterminat skont il-paragrafu 1, jekk dawn il-varjazzjonijiet jeċċedu 2 % tal-valur ta' riferiment meħud inkunsiderazzjoni fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt jew tal-aħħar adattament.

6. Jekk il-kuntratt ta' trasport tal-merkanzija bit-triq ma jkunx ġie konkluż bil-miktub, skont l-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286 tal-21 ta' Novembru 2005, il-fattura maħruġa mit-trasportatur tkun ta' prova, għal finijiet legali u amministrattivi biss, tal-parti tar-remunerazzjoni dovuta mill-mandant li tikkorrispondi għall-ispiża tal-karburant sostnuta mit-trasportatur għall-eżekuzzjoni tas-servizzi kuntrattwali. Dan l-ammont għandu jikkorrispondi għar-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont tal-ispiża fissa għal kull kilometru, għall-klassi li fiha taqa' l-vettura użata għat-trasport, fis-sens tal-paragrafu 1, matul ix-xahar ta' qabel dak li fih ikun ġie eżegwit it-trasport, bin-numru ta' kilometri li jikkorrispondu għas-servizz indikat fuq il-fattura.

7. Il-parti tar-remunerazzjoni dovuta lit-trasportatur, differenti minn dik indikata fil-paragrafu 6, għandha tikkorrispondi, bla ħsara għal dak li huwa dovut mill-mandant għall-ispiża tal-karburant, għal parti minn din l-istess remunerazzjoni li hija għall-inqas ugwali għal dik identifikata bħala korrispondenti għal spejjeż oħra li ma humiex l-ispejjeż tal-karburant imsemmija fil-paragrafu 2.

8. Jekk il-parti tar-remunerazzjoni dovuta lit-trasportatur, minbarra dik imsemmija fil-paragrafu 6, tikkorrispondi għal ammont iżgħar minn dak indikat fil-paragrafu 7, it-trasportatur jista' jitlob lill-mandant il-ħlas tad-differenza. Jekk il-kuntratt tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ma jkunx sar bil-miktub, l-azzjoni tat-trasportatur tkun preskritta wara terminu ta' ħames snin mid-data li fiha jkun intemm is-servizz ta' trasport. Jekk il-kuntratt ta' trasport ikun ġie konkluż bil-miktub, l-azzjoni tat-trasportatur tkun preskritta wara terminu ta' sena, skont l-Artikolu 2951 tal-Kodiċi Ċivili.

9. Jekk il-mandant ma jwettaqx il-pagament f'terminu ta' ħmistax-il ġurnata, it-trasportatur jista' jippreżenta, fil-ħmistax-il jum ta' wara, taħt piena ta' dekadenza, talba għal ordni ta' ħlas permezz ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti, skont l-Artikolu 638 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, filwaqt li jippreżenta d-dokumenti dwar ir-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru tat-trasportaturi tal-merkanzija bit-triq għal terzi, iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura użata sabiex isir it-trasport, il-fattura li tindika r-remunerazzjoni inerenti għas-servizz ta' trasport, id-dokumenti dwar l-eżekuzzjoni tal-ħlas tal-ammont indikat u l-kalkoli li permezz tagħhom hija ddeterminata r-remunerazzjoni addizzjonali dovuta lit-trasportatur skont il-paragrafi 7 u 8. Wara li tkun ivverifikat li d-dokumenti huma regolari u li l-kalkoli prodotti huma ġusti, il-qorti titlob lill-mandant, permezz ta' deċiżjoni motivata, fis-sens tal-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jħallas mingħajr dewmien l-ammont dovut lit-trasportatur, billi jawtorizza l-eżekuzzjoni provviżorja tad-deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivilu u billi jiffissa t-terminu li matulu jista' jiġi ppreżentat rikors, fis-sens tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Ktieb IV tal-istess kodiċi.

[...]

14. Bla ħsara għas-sanzjonijiet previsti mill-Artikolu 26 tal-Liġi Nru 298 tas-6 ta' Ġunju 1974 u l-modifiki tagħha sussegwenti kif ukoll mill-Artikolu 7 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, jekk applikabbli, kwalunkwe ksur tar-regoli msemmija fil-paragrafi 6, 7, 8 u 9

jirriżulta fl-esklużjoni, għal perijodu li jista' jammonta għal sitt xhur, mill-proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi, kif ukoll l-esklużjoni għal perijodu ta' sena mill-vantaġġi fiskali, finanzjarji u ta' previdenza ta' kull tip previsti mil-liġi.

15. Is-sanzjonijiet indikati fil-paragrafu 14 huma applikati mill-awtorità kompetenti.

16. Is-sanzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 14 ma humiex applikati jekk il-partijiet ikunu kkonkludew kuntratt ta' trasport skont ftehim volontarju ffirmat bejn il-parti l-kbira tal-organizzazzjonijiet assoċjattivi tat-trasportaturi bit-triq u tal-utenti ta' servizzi ta' trasport irrappreżentati fil-Consulta bl-għan li jirregolaw l-iżvolġiment ta' servizzi ta' trasport f'settur kummerċjali speċifiku.

[...]"

17 Mit-12 ta' Settembru 2012, il-funzjonijiet tal-Osservatorio ġew attribwiti bil-liġi lil dipartiment tal-Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport.

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Fl-assenza ta' ftehimiet volontarji previsti mill-Artikolu 83a(4) u (4a) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat, fil-21 ta' Novembru 2011, l-Osservatorio adotta serje ta' tabelli li jiffissaw l-ispejjeż minimi tal-operat tal-impriżi ta' trasport bit-triq għal terzi. Dawn it-tabelli ġew riprodotti fid-digriet tad-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport tat-22 ta' Novembru 2011.

19 L-intestaturi tal-ispejjeż fit-tabelli msemmija iktar 'il fuq huma kkalkolati għal ħames kategoriji ta' vetturi skont il-massa massima għat-tagħbija totali, filwaqt li tidentifika għadd medju ta' kilometri fis-sena u konsum medju ta' diżil għal kull kilometru. L-ispejjeż jinkludu dawk relatati mat-trakters tat-triq, mas-semi-karrijiet, mal-manutenzjoni, max-xogħol tas-sewwieqa impjegati fuq il-bażi ta' ftehim kollettiv fis-seħħ, mal-assigurazzjonijiet, mal-manutenzjoni fuq il-vetturi u mal-liċenzji, mat-tajers, mal-karburant, mal-pedaġġi tal-awtostrada u mal-organizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea ssemmi, bħala eżempju, li l-vetturi li ma jiżnux iktar minn 3.5 tunnellata u għal vjeġġi ta' bejn 101 kilometru u 150 kilometru, l-ispejjeż tal-operat stabbiliti skont l-Artikolu 83a(2) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat, jammontaw għal EUR 0.999 għal kull kilometru, filwaqt li l-ispejjeż minimi tal-operat skont l-Artikolu 83a(4) u 4a tal-imsemmi digriet huma ta' EUR 0.909 għal kull kilometru u l-ispiża tal-karburant ta' EUR 0.122 għal kull kilometru.

20 L-Osservatorio stabbilixxa wkoll il-formula tal-adattament perijodiku tal-ispejjeż tal-operat u, konsegwentement, tat-tariffi tat-trasport bit-triq. Dan l-organu rranġa l-valuri stabbiliti meta ġew iffissati l-ewwel darba, billi fl-14 u l-21 ta' Diċembru 2011 adotta l-atti intitolati "Pubblikazzjoni perijodika tal-ispejjeż tal-operat tal-impriżi tat-trasport bit-triq għal terzi u tal-ispejjeż minimi tal-operat li jiggarantixxu l-osservanza tal-parametri ta' sigurtà".

21 Il-kawżi prinċipali jirriżultaw minn serje ta' rikorsi għal annullament, prinċipali u supplimentari, ippreżentati quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio kontra l-atti li bihom l-Osservatorio stabbilixxa l-ispejjeż minimi fis-sens tal-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat.

22 Skont il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Taljana tintroduċi sistema rreglata tal-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat, li tirrestrinġi l-libertà kuntrattwali u l-libertà li jiġi ddeterminat wieħed mill-elementi essenzjali tal-kuntratt, anki jekk huwa bl-għan li tiżgura l-osservanza tar-regoli ta' sigurtà.

23 In-neċessità li tiġi ppreżervata s-sigurtà fit-toroq hija preżenti fid-dritt tal-Unjoni, iżda l-qorti tar-rinviju tiddubita li l-bilanċ stabbilit bejn il-valuri kunfliġġenti mill-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, li huma fformulati f'termini identiċi fil-Kawżi C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13:

"1) Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni libera, tal-moviment liberu tal-impriżi, tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (previsti fl-Artikoli 4(3) TUE u fl-Artikoli 101, 49, 56 u 96 TFUE) hija kompatibbli, u sa fejn, ma' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi spejjeż minimi tal-operat fis-settur tat-trasport bit-triq li jinvolvu l-iffissar, permezz ta' fatturi esterni, ta' element kostituttiv tar-remunerazzjoni għas-servizz u, għalhekk, tal-prezz kuntrattwali?

2) Limitazzjonijiet għall-imsemmija prinċipji jistgħu jkunu ġġustifikati, u taħt liema kundizzjonijiet, mill-ħtieġa li jiġi ssalvagwardat l-interess pubbliku tas-sigurtà fit-toroq, u dan l-għan jista' jiġġustifika l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat kif jipprovdu r-regoli stabbiliti bl-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat?

3) F'din il-perspettiva, l-iffissar ta' spejjeż minimi tal-operat, jista' jsir permezz ta' ftehim settorjali konklużi bejn l-operaturi kkonċernati u, sussidjarjament, permezz ta' organi magħmula fil-parti l-kbira tagħhom minn persuni li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi privati tas-settur, fl-assenza ta' kriterji stabbiliti minn qabel fuq livell leġiżlattiv?"

25 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Mejju 2013, il-Kawżi C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

26 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, kif ukoll l-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE u 96 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li permezz tagħha l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għal terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat, li huma ffissati minn organu kompost prinċipalment minn rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

27 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tipprevedi li l-ispejjeż minimi tal-operat huma stabbiliti, prinċipalment, fil-kuntest ta' ftehimiet volontarji tas-settur, konklużi mill-assoċjazzjonijiet professjonali tat-trasportaturi u tal-mandanti, sussidjarjament, fl-assenza ta' tali ftehimiet, mill-Osservatorio u, fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni min-naħa ta' dan tal-aħħar, direttament mill-Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport. Matul il-perijodu ta' bejn Novembru 2011 u Awwissu 2012, kopert mill-kawżi prinċipali, l-ispejjeż minimi tal-operat ġew effettivament iffissati mill-Osservatorio.

*Fuq id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni*

28 Għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 101 TFUE jikkonċerna biss l-aġir tal-impriżi u ma jirrigwardax miżuri leġiżlattivi jew regolamentari li joħorġu mill-Istati Membri, xorta waħda jibqa' l-fatt li dan l-Artikolu, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, li jistabbilixxi obbligu ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea

u l-Istati Membri, jimponi lil dawn tal-aħħar sabiex ma jadottawx jew ma jżommux fis-seħħ miżuri, anki ta' natura leġiżlattiva jew regolamentari, li jistgħu jeliminaw l-effett utli tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi (ara s-sentenzi Cipolla *et*, C-94/04 u C-202/04, EU:C:2006:758, punt 46, kif ukoll Sbarigia, C-393/08, EU:C:2010:388, punt 31).

29 Ikun hemm ksur tal-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, meta Stat Membru jew jimponi jew jiffavorixxi l-konklużjoni ta' akkordji li jmorru kontra l-Artikolu 101 TFUE jew isaħħaħ l-effetti ta' tali akkordji, jew ineħħi mil-leġiżlazzjoni tiegħu n-natura pubblika tagħha billi jiddelega lill-operaturi privati r-responsabbiltà li jieħdu deċiżjonijiet għal intervent ta' interess ekonomiku (ara s-sentenzi Centro Servizi Spediporto, C-96/94, EU:C:1995:308, punt 21; Arduino, C-35/99, EU:C:2002:97, punt 35, kif ukoll Cipolla *et*, EU:C:2006:758, punt 47).

30 B'mod partikolari, fis-sentenza Centro Servizi Spediporto (EU:C:1995:308), adita b'domanda simili fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Taljana fis-seħħ f'dak iż-żmien li kienet tistabbilixxi sistema ta' tariffi obbligatorji skont il-kategoriji, li tinkludi limitu massimu u limitu minimu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li meta leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li t-tariffi tat-trasport bit-triq tal-merkanzija huma approvati u magħmula eżekuttivi mill-awtorità pubblika, fuq il-bażi ta' proposti ta' kumitat, jekk dan ikun kompost minn maġġoranza ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi, flimkien ma' minoranza ta' rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, u għandu josserva fil-proposti tiegħu ċerti kriterji ta' interess pubbliku, l-iffissar ta' dawn it-tariffi ma jistax jitqies bħala akkordju bejn operaturi ekonomiċi privati impost jew ippreferut mill-awtoritajiet pubbliċi jew li tiegħu dawn tal-aħħar saħħew l-effetti u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet pubbliċi ma ddelegawx il-kompetenzi tagħhom lil operaturi ekonomiċi privati billi jieħdu inkunsiderazzjoni, qabel l-approvazzjoni tal-proposti, osservazzjonijiet ta' organi pubbliċi u privati oħrajn, jew anki billi jiffissaw it-tariffi *ex officio*.

31 Fis-sentenza Librandi (C-38/97, EU:C:1998:454), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn il-konstatazzjonijiet ma humiex imminati mill-fatt li r-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi ma humiex iktar fil-minoranza fi ħdan dan il-kumitat, sakemm it-tariffi jkunu ffissata fl-osservanza tal-kriterji ta' interess pubbliku ddefiniti mil-liġi u li l-awtoritajiet pubbliċi ma jiddelegawx il-prerogattivi tagħhom lil operaturi privati billi jieħdu inkunsiderazzjoni, qabel l-approvazzjoni tal-proposti, osservazzjonijiet ta' organi pubbliċi u privati oħrajn, jew anki billi jiffissaw it-tariffi *ex officio*.

32 Għal dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermettix li tiġi preżunta l-eżistenza ta' akkordju bejn operaturi ekonomiċi privati, għandu jiġi rrilevat li l-kumitat li fil-kawża prinċipali stabbilixxa l-ispejjeż minimi tal-operat, jiġifieri l-Osservatorio, huwa kompost prinċipalment minn rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet professjonali tat-trasportaturi u minn mandanti. Fil-fatt, fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, fost l-għaxar membri tal-Osservatorio magħżula mill-President tal-Consulta, tmienja kienu jirrappreżentaw l-espressjoni tal-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi u tal-mandanti, filwaqt li d-digriet ta' nomina ta' dawn il-membri kien jindika, barra minn hekk, li kienu nnominati "bħala rappreżentanti" tal-assoċjazzjoni jew tal-impriża li tagħha jagħmlu parti.

33 Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet tal-Osservatorio huma approvati bil-maġġoranza tal-membri tagħha, mingħajr ma rappreżentant tal-Istat għandu dritt ta' veto jew ta' vot deċiżiv li jista' jibbilanċja mill-ġdid ir-relazzjonijiet ta' forza bejn l-amministrazzjoni u s-settur privat, bid-differenza tas-sitwazzjoni inkwistjoni fis-sentenzi Reiff (C-185/91, EU:C:1993:886, punt 22), Delta Schiffahrts- und Speditionsgesellschaft (C-153/93, EU:C:1994:240, punt 21), Centro Servizi Spediporto (EU:C:1995:308, punt 27), u Librandi (EU:C:1998:454, punt 35).

34 It-tariffa stabbilita minn tali organizzazzjoni professjonali tista', hija wkoll, ikollha natura pubblika, b'mod partikolari meta l-membri ta' din l-organizzazzjoni jkunu esperti indipendenti mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati u li jkunu obbligati bil-liġi, li jiffissaw it-tariffi billi jieħdu inkunsiderazzjoni

mhux biss l-interessi tal-impriżi jew tal-assoċjazzjonijiet ta' impriżi tas-settur li jkunu nnominawhom, imma wkoll l-interess ġenerali u l-interessi ta' impriżi ta' setturi oħrajn jew tal-utenti tas-servizzi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Reiff, EU:C:1993:886, punti 17 sa 19 u 24; Delta Schiffahrts- und Speditionsgesellschaft, EU:C:1994:240, punti 16 sa 18 u 23; DIP *et*, C-140/94 sa C-142/94, EU:C:1995:330, punti 18 u 19; Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-35/96, EU:C:1998:303, punt 44, kif ukoll Arduino, EU:C:2002:97, punt 37).

35 Madankollu, skont l-indikazzjonijiet inklużi fid-deċiżjonijiet tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi lill-Consulta u lill-Osservatorio ma tindikax il-prinċipji ta' gwida li dawn l-organi għandhom jikkonformaw magħhom u ma tinkludi ebda dispożizzjoni tali li tipprojbixxi lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet professjonali milli jaġixxu fl-interess esklużiv tal-professjoni.

36 Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu s-sistema tal-ispejjeż minimi tal-operat u li jagħtu lill-Osservatorio s-setgħa li jiffissahom, għandu jiġi rrilevat li, huwa minnu li l-Artikolu 83a(4) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat, minn naħa, jirreferi għall-għanijiet tal-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq u tal-funzjonament regolari tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq għal terzi u, min-naħa l-oħra, jipprevedi li dawn l-ispejjeż minimi tal-operat għandhom, fi kwalunkwe każ, jiggarantixxu l-osservanza tal-parametri tas-sigurtà previsti minn din il-liġi.

37 Madankollu, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali sempliċement tirreferi b'mod vag għall-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq u tħalli, barra minn hekk, lill-membri tal-Osservatorio marġni ta' diskrezzjoni u ta' awtonomija wiesa' ħafna fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ispejjeż minimi tal-operat fl-interess tal-organizzazzjonijiet professjonali li nnominawhom. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward il-Kummissjoni tosserva li minuti ta' laqgħa tal-Osservatorio jagħmlu riferiment għal fatt li meta l-membri tiegħu sabu li ma setgħux jaqblu dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-ispejjeż minimi tal-operat, wieħed minnhom esprima l-oppożizzjoni tiegħu abbażi tal-interessi tal-assoċjazzjoni professjonali li kien jirrappreżenta u mhux abbażi tal-interessi pubbliċi.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali la tinkludi modalitajiet proċedurali u lanqas rekwiżiti sostantivi li jistgħu jiżguraw li meta jistabbilixxi l-ispejjeż minimi tal-operat, l-Osservatorio jġib ruħu bħala parti mill-awtorità pubblika li taġixxi għal finijiet tal-interess ġenerali.

39 Għal dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet pubbliċi ddelegawx il-kompetenzi tagħhom, fil-qasam tal-iffissar tat-tariffi, lil operaturi privati, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 83a(1), (2) u (4a) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat sempliċement jipprovdi li l-Osservatorio "jiffissa" d-diversi tipi ta' spejjeż imsemmija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali. Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-awtorità pubblika ma teżerċita ebda forma ta' stħarriġ fuq l-evalwazzjonijiet tal-Osservatorio dwar il-kriterji għall-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat jew il-valur iffissat.

40 Bl-istess mod, ma jidhirx li korpi oħra jew assoċjazzjonijiet pubbliċi huma kkonsultati qabel ma dawn l-ispejjeż jiġu trasposti f'digriet u magħmula eżekuttivi.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fid-dawl tal-kompożizzjoni u tal-mod kif jiffunzjona l-Osservatorio, minn naħa, u tal-assenza kemm ta' kriterji ta' interess pubbliku ddefiniti mil-liġi b'mod suffiċjentement preċiż sabiex jiġi ggarantit li r-rappreżentanti tat-trasportaturi u tal-mandant joperaw b'mod effettiv fl-osservanza tal-interess pubbliku ġenerali li l-liġi tipprova tilħaq, kif ukoll ta' stħarriġ effettiv u tas-setgħa deċiżjonali fl-aħħar istanza min-naħa tal-Istat, min-naħa l-oħra, l-Osservatorio għandu jitqies li huwa assoċjazzjoni ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE meta huwa jadotta deċiżjonijiet li jiffissaw l-ispejjeż minimi tal-operat għat-trasport bit-triq bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali.

42 Sussegwentement, sabiex ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni japplikaw għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, u jrendu obbligatorji l-ispejjeż minimi tal-operat stabbiliti mill-Osservatorio, dawn għandhom ikunu jistgħu jillimitaw ir-rwol tal-kompetizzjoni ġewwa s-suq intern.

43 F'dan ir-rigward għandu jiġi kkonstatat li l-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat, magħmula obbligatorji minn leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, u li jipprekludu lill-impriżi milli jistabbilixxu tariffi inferjuri għal dawn l-ispejjeż, huwa ugwali għall-iffissar orizzontali ta' tariffi minimi imposti.

44 Għal dak li jirrigwarda l-effett ħażin fuq il-kummerċ intra-Komunitarju, huwa biżżejjed li jitfakkar li akkordju li jkun mifrux fuq it-territorju kollu ta' Stat Membru għandu, min-natura tiegħu stess, l-effett li jikkonsolida d-diviżjonijiet ta' natura nazzjonali, u b'hekk jostakola l-interpenetrazzjoni ekonomika mixtieqa mit-Trattat FUE (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja, EU:C:1998:303, punt 48, kif ukoll Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 45).

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat għat-trasport bit-triq, magħmul obbligatorju permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, jista' jirrestrinġi r-rwol tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

46 Fl-aħħar nett, għandu madankollu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali li trendi vinkolanti deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li għandha bħala għan jew bħala effett li tirrestrinġi l-kompetizzjoni jew li tirrestrinġi l-libertà ta' azzjoni tal-partijiet jew ta' waħda minnhom ma taqax neċessarjament fl-ambitu tal-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 101(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE.

47 Fil-fatt, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal każ partikolari, għandu qabel kollox jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest globali li fih ġiet adottata jew toħloq l-effetti tagħha deċiżjoni tal-assoċjazzjoni ta' impriżi inkwistjoni u b'mod iktar partikolari tal-għanijiet tagħha. Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk l-effetti li jirrestrinġu l-kompetizzjoni li jirriżultaw minnha humiex inerenti għat-tfittxija tal-imsemmija għanijiet (ara s-sentenzi Wouters *et*, C-309/99, EU:C:2002:98, punt 97, kif ukoll Consiglio nazionale dei geologi u Autorità garante della concorrenza e del mercato, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 53).

48 F'dan il-kuntest, għandu jiġi mistħarreġ jekk ir-restrizzjonijiet hekk imposti mir-regoli inkwistjoni fil-kawżi prinċipali humiex limitati għal dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni ta' għanijiet leġittimi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni, C-519/04 P, EU:C:2006:492, punt 47, kif ukoll Consiglio nazionale dei geologi u Autorità garante della concorrenza e del mercato, EU:C:2013:489, punt 54).

49 Madankollu, mingħajr ma hemm bżonn li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 47 u 48 tas-sentenza preżenti tapplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi ftehim orizzontali fuq il-prezz, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi ġġustifikata minn għan leġittimu.

50 Skont l-Artikolu 83a(4) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emenda, l-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat huwa intiż li jħares, b'mod partikolari, is-sigurtà fit-toroq.

51 Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq jista' jikkostitwixxi għan leġittimu, l-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat madankollu ma jidhirx adatt, la direttament u lanqas indirettament, sabiex jiggarantixxi li dan jitwettaq.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali hija sempliċement intiża, b'mod ġenerali, għall-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq, mingħajr ma tistabbilixxi kwalunkwe rabta bejn l-ispejjeż minimi tal-operat u l-infurzar tas-sigurtà fit-toroq.

53 Barra minn hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali hija biss xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat jekk hija tissodisfa, b'mod reali, ix-xewqa li dan l-għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara s-sentenzi Hartlauer, C-169/07, EU:C:2009:141, punt 55, u Attanasio Group, C-384/08, EU:C:2010:133, punt 51).

54 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li għalkemm l-"ispiża minima", fis-sens tal-Artikolu 83a tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat, għandha tirrappreżenta l-ammont minimu, iddeterminat b'mod oġġettiv, li fil-każ ta' ammont inferjuri minnu ma huwiex possibbli li jiġu ssodisfatti l-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tas-sigurtà fit-toroq, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tipprevedi madankollu xi eċċezzjonijiet. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 83a(4c) tad-Digriet-Liġi Nru 112/2008 kif emendat, l-iffissar tar-remunerazzjoni jitħalla għan-negozjati ħielsa tal-partijiet, meta l-provvisti ta' servizzi ta' trasport jitwettqu fil-limitu ta' 100 kilometru kull jum. Bl-istess mod, il-paragrafu 16 tal-imsemmi artikolu jipprovdi l-possibbiltà ta' deroga, permezz ta' ftehimiet settorjali, mill-ispiża minima ffissata mill-Osservatorio.

55 Fi kwalunkwe każ, il-miżuri inkwistjoni jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju. Minn naħa, huma ma jippermettux lit-trasportatur jipprova li, minkejja li huwa joffri prezzijiet inferjuri għat-tariffi minimi stabbiliti, huwa jikkonforma ruħu kompletament mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tas-sigurtà (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Outokumpu Oy, C-213/96, EU:C:1998:155, punt 39, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punti 54 sa 56).

56 Min-naħa l-oħra, jeżistu diversi regoli, inklużi dawk tad-dritt tal-Unjoni, imsemmija fil-punt 7 tas-sentenza preżenti, intiżi speċifikament għas-sigurtà fit-toroq, li jikkostitwixxu miżuri iktar effikaċi u inqas restrittivi, bħar-regoli tal-Unjoni dwar il-ħin massimu ta' xogħol matul il-ġimgħa, il-perijodu ta' waqfien, il-perijodu ta' mistrieħ u x-xogħol ta' bil-lejl u l-kontroll tekniku tal-vetturi. L-osservanza rigoruża ta' dawn ir-regoli tista' effettivament tiżgura l-livell ta' sigurtà fit-toroq adegwat.

57 Minn dan isegwi li l-iffissar tal-ispejjeż minimi tal-operat ma jistax jiġi ġġustifikat minn għan leġittimu.

58 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li permezz tagħha l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għal terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat, li huma ffissati minn organu kompost prinċipalment minn rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

*Fuq il-prinċipji ta' moviment liberu u l-politika tat-trasport*

59 Fid-dawl tar-risposta ta' hawn fuq, ma huwiex neċessarju li tingħata interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE u 96 TFUE.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li permezz tagħha l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għal terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat, li huma ffissati minn organu kompost prinċipalment minn rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.**

Firem